# Ġużè Gatt
## *Żebbuġi Minsi*

Kitba ta' Toni Cortis



Sentejn qabel miet Dun Karm kont mort narah f'*Dar is-Sliem*, fil-parroċċa ta' San Girgor fejn kien joqgħod, f'Tas-Sliema. Dik il-ħabta l-parroċċa ta' San Girgor kienet immexxija mill-Kappillan Dun Karm Farrugia ħu l-Professur Philip Farrugia, li għamel żmien president tal-Każin San Filep u kiteb il-lirika ta' xi wħud mill-marċi li għadhom iferrħuna sa llum. Kif kont qed ngħid fl-1969 kont mort għand Dun Karm il-poeta, mort darbtejn għandu, it-tieni darba li mort ġiet il-qaddejja tiegħu b'mazz karti u qaltli li dawk kienu għar-rimi. Jiena tlabthomlha u wegħedtha li dawk li ma kinux ta' siwi narmihom jien. Fost dawn il-koċċ karti sibt kopji ta' *Il-Malti* rivista li bdiet toħroġ fl-1824 mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Fost il-kontributuri ta' l-ewwel ħarġa kien hemm Dun Karm, Mons Carlo Cortis, Ġużè Muscat Azzopardi u Ġużè Gatt. Xi wħud minn dawn il-kittieba kont smajt b'isimhom u qrajt xi xogħlijiet tagħhom, iżda b'Ġużè Gatt ma kont smajt qatt. Bqajt niltaqa' ma kitbiet oħra ta' Ġużè Gatt, f'ħarġiet oħa ta' *Il-Malti* li billi kienu fuq suġġetti ta' l-istorja dejjem interessawni. Imbagħad għal snin sħaħ ma erġajtx iltqajt ma' kitbietu u bħal insejtu. Erġajt ftakart fih fl-1997 meta ħarġet pubblikazzjoni bi 'l fuq minn 1900 biografija ta' Maltin li taw sehem għall-kultura Maltija u ismu ma deherx magħhom. Ismu ma ġiex inkluż lanqas fost *Dawk li ttabbew l-Ilsien Malti* sa snin wara għalkemm Ġużè ħadem għal xejn iżjed ħlief biex jixtered l-Ilsien Malti. Għalhekk waħħaltha f'moħħi li nibda nfittex dwaru u dwar il-kitba tiegħu, aktar twebbilt meta sirt naf li kien minn Ħaż-Żebbuġ. Iżda t-tagħrif li stajt nakkwista kien ftit li xejn, ħadd minn dawk li staqsejt m'għaraf jagħtini xi ħjiel. Fl-aħħar, ħabib tiegħi minn Birkirkara John Sciberras – Alla jagħtih il-Ġenna – urieni profil ta' Gatt, aktarx miktub minnu nnifsu, li kien stampat f'*It-Torċa* fl-1975.

Ġużè Gatt twieled fit-2 ta' Jannar 1886, missieru Giovanni u ommu Carmela mwielda Callus it-tnejn minn Ħaż-Żebbuġ. Il-familja Gatt kienu tat-tajjeb u ċ-ċkejken Ġużè seta' jmur l-iskola, aktarx fi Triq Vassalli, fejn kienu jmorru l-kontemporanji tiegħu Dun Karm Psaila u Dun Anton Genovese. Ħinu ma ħliehx Ġużè, iżda kif jgħid hu stess, kien imur għand waħda mill-ġirien u joqgħod jaqra. L-ewwel qari tiegħu kien l-*Istorja ta' Malta* ta' P.P. Castagna li żergħet fih il-ħajra għall-qari u r-riċerka li ma telquhx sa ma miet fl-għomor ta' 90 sena.

Kienet drawwa fi żmien Gatt, li min kien irid jissokta t-tagħlim tiegħu jħalli r-raħal u jmur joqgħod il-Belt jew x'imkien qrib il-post tax-xogħol jew ta' l-istudju tiegħu. Ġużè hekk għamel u ħalla 'l Ħaż-Żebbuġ u mar joqgħod il-Furjana biex ikun eqreb lejn il-Biblioteka Nazzjonali u arkivji oħra fejn kien iqatta' sigħat twal jirriċerka u dak li jsib jippubblikah.

L-artikli li kien jikteb Ġużè Gatt ġew ippubblikati f'għadd ta' gazzetti u rivisti dejjem bil-Malti. Huwa jistqarr li beda jikteb l-ewwel darba fl-1908 f'*In-Naħla* u fil-folju *Football* immexxi minn Tancredi Borg; iżda ma sirtx naf x'kiteb billi l-artikli f'dawn il-gazzetti ma

kinux ikunu ffirmati. Aktar tard, fl-1921 kiteb f'*Il-Ħabib* dwar l-istampa f'Malta; artiklu li reġa' stampah b'xi żidiet fil-*Labour Openion*. Dan l-istess artiklu baqa' s-snin jaħdem fuqu jorqmu u jżidu sakemm fl-1945 beda jistampah f'*Il-Malti*. Dawn il-purtati ġew miġbura u editjati mill-Istamperija tal-Gvern fl-2002. F'din il-pubblikazzjoni jiena tajt lista ta' madwar 50 suġġett li kiteb dwarhom Ġużè Gatt; u dik il-lista ma tiġborx fiha x-xogħlijiet kollha tiegħu.

Barra l-gazzetti li semmejt Gatt kiteb fil-*Leħen is-Sewwa*, *Il-Ħmara*, *Leħen il-Malti*, *Il-Berqa*, *Is-Sebħ*, *It-Torċa* u f'gazzetti oħra. Xi wħud minn dawn il-gazzetti m'għadhomx joħorġu.

Is-suġġetti li kiteb dwarhom Gatt, kienu aktar varji mill-gazzetti u rivisti fejn stampahom. Ħinu kien jgħaddih il-Biblioteka fejn sar midħla ta' Mons. A. Mifsud, il-Professur G. Wettinger, Ġużè Cassar Pullicino u studjużi oħrajn. Iżda filwaqt li dawn dejjem ippubblikaw l-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet tagħhom bl-Ingliż jew bit-Taljan, Gatt dejjem ippubblika xogħlijietu bil-Malti, wkoll meta l-Malti kien immaqdar u mwarrab. Imħabbtu kienet għall-Malti u dak kollu li hu Malti. Kiteb dwar persunaġġi Maltin bħal *Dun Dovik Mifsud Tommasi*, *Mattew Callus*, *Richard Taylor*, *Mikiel'Anġ Sapiano* u oħrajn. Kiteb fuq ġrajjiet Malta ta' l-Imgħoddi bħal *Qtil fil-ħobż tal-Birgu fi żmien l-Ordni* fejn jirrakkonta fuq proċess li sar fl-1700 u jagħti stampa dwar il-ħabsijiet ta' dak iż-żmien u fost affarijiet oħra, it-tortura li kienu jużaw biex wieħed jistqarr il-verità. Kiteb rakkonti li meta taqrahom tistħajlek qiegħed taqra xi *thriller* maħluq mill-fantasija ta' l-awgur filwaqt li *Taqtigħa fil-Kunvent ta' San Duminku tal-Belt* u *Il-Ħarba ta' Nikol Tortora*, huma fatti storiċi li ġraw tassew. Suġġetti oħra li qablu ħadd ma kien kiteb dwarhom bil-Malti huma *Il-Flus ta' l-Ordni*, *It-Tagħlim f'Malta*, *Is-Snajja' Maltin* u għexieren ta' artikli oħra.

Ġużè Gatt kellu xewqa waħda biss; dik li jsib tagħrif li jixħet dawl ġdid fuq ġrajjiet Malta biex dejjem ikabbar l-isem tal-*Maħbuba u għażiża gżira tagħna*. Meta waqt ir-riċerka tiegħu kien jiltaqa' ma' xi tagħrif ġdid kien irid jippubblikah biex jaqsam mhux biss mal-qarrejja tiegħu iżda wkoll ma' studjużi oħra u ma kienx jitmeżmeż billi jgħaddi dak li jkun sab lil ħaddieħor biex jippubblikah hu kif għamel bit-tagħrif li sab fuq Mikiel Anton Vassalli.

Il-kliem li Ġużè Gatt kiteb dwar Mikielanġ Sapiano jgħodd ħafna għalih innifsu.

*Iżda Sapian qatt ma mela rasu bid-duħħan, qatt ma ried xejn mid-dinja, biss baqa dejjem miġbur ir-raħal bla tħaxkin mal-kbarat, u lanqas serdik mat-toroq; imsaħħar biss mis-sengħa tiegħu u mixħut fuqha minn filgħodu sa filgħaxija b'sikta ta' qima għaliha u mħeġġeġ bi ħsara kbir biex jikxef dejjem ħwejjeġ ġodda.*